**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 10 ta' Lulju, 2019

Rikors Numru: 203/19 AL

**A B** u

**C D**

Vs

**X**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors konġunt li permezz tieghu r-rikorrenti ippremettew u kkonfermaw bil-ġurament tagħhom:

1. Illi l-partijiet iżżewwġu nhar id-dsatax (19) ta' Settembru tas-sena elf disa' mija u tmienja u disgħin (1998) ġewwa l-Parroċċa San

Nikola, Siġġiewi, Malta (ċertifikat taż-żwieġ hawn anness u mmarkat bħala Dok. A);

2. Illi minn dan iż-żwieġ twieldu żewġt itfal, ossia tifel bl-isem E F illi llum għandu dsatax-il (19) sena u għalhekk m'għadux minuri u tifel minuri bl-isem G illi illum għandu sbatax-il (17) sena (ċertifikati tat-twelid rispettivi hawn annessi u mmarkati bħala Dok. B u Dok C);

3. Illi l-partijiet ilhom legalment separati għal erba' snin, hekk kif jirriżulta mill-kuntratt ta' separazzjoni personali vigenti bejniethom, liema att pubbliku jinsab fl-atti tan-Nutar Dr. Mary Grech Pace u huwa datat it-tmintax (18) ta' Marzu tas-sena elfejn u ħmistax (2015) (kopja awtentikata hawn annessa u mmarkata bħala Dok. D);

4. Illi l-partijiet ilhom de facto separati għal ftit il-fuq minn ħames snin, b' dan illi ferm qabel ma kienu ffirmaw il-kuntratt ta' separazzjoni personali kif fuq premess huma kienu qegħdin jgħixu f' residenzi separati;

5. Illi l-partijiet kienu rispettivament rrinunzjaw milli jitolbu u/jew jirċievu manteniment mingħand xulxin għall-bżonnijiet tagħhom personali, u dan kif jirriżulta minn klawsola numru ħmistax (15) tal-kuntratt ta' separazzjoni su-referit;

6. Illi l-ħlas tal-manteniment dovut mir-rikorrent C D għall-bżonnijiet tat-tfal minuri ai termini ta' klawsola ħdax (11) tal-kuntratt ta' separazzjoni viġenti bejniethom qiegħed jsir b'mod regolari u puntwali u għaldaqstant ma tissussisti l-ebda vertenza fir-rigward;

7. Illa ma jeżisti l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet;

8. Illi għar-raġunijiet fuq premessi r-rekwiżiti tal-Artikolu 66 B tal-Kodiċi Ċivili, Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta jinsabu kollha sodisfatti;

Talbu lil-Qorti sabiex:

1. Tippronunzja d-divorzju, ossia l-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet;

2. Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fiż-żmien imħolli għal daqshekk minn din l-Onorabbli Qorti javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex dan jiġi hekk irreġistrat fir-Reġistru Pubbliku.

Rat id-dokumenti kollha li ġew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tat-13 ta' Mejju, 2019;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex zwieġ jigi maħlul u dana peress illi ippruvaw illi ilhom legalment separati ghal erba` snin, effettivament mit-18 ta' Marzu tas-sena 2015 u de facto separati ghal ftit il-fuq minn hames snin;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvaw ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejnithom u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.